MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Numru. 1197/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**CARMEL DIMECH**

**(ID: 97059M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CARMEL DIMECH**, detentur tal-karta tal-identita' numru 97059(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli, fit-30 t'Ottubru, 2009 ghall-habta ta' xi l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30am) u hinijiet wara waqt li kien gewwa l-Pjazza Antoine De Paule Rahal Gdid,

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' Domenic Grima minn Rahal Gdid li hu s-Sindku ta' Rahal Gdid persuna nkarigata skond il-Ligi minn Servizz Pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita Kompetenti.

2. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Domenic Grima minn Rahal Gdid bhala Sindku u hu persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3.Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi m'obdiex l-ordinijiet legittimi ta' l-Awtorita' jew ta' whud li kienu nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmirhom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-Ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-dissubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra tal-Kodici ta' Malta.

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi imbotta lil Domenic Grima minn Rahal Gdid fit-triq biex iwegghu jew jinsulentah

6. Talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi hebb kontra Domenic Grima minn Rahal Gdid sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali.

7. Ukoll talli ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta.

8. B'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien gie misjub hati permezz ta diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta' Domenic Grima u tapplika l-provedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. SZ1 li jinsab a fol. 9, fedina penali mmarkata bhala Dok. SZ2 a fol. 10 et sequitur u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta' Novembru, 2009 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. SZ3 a fol. 25 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi nhar l-4 ta' Gunju, 2010 xehed l-**Ispettur Spiridione Zammit** u spjega li fit-30 t'Ottubru, 2009 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu l-Pulizija ta' Rahal Gdid gew infurmati mill-Control Room li kien hemm xi argument fil-Pjazza ta' Rahal Gdid. Il-Pulizija PS 1480 u PC 864 kif ukoll PC 945 kienu marru fuq il-post u kienu sabu lil certu Mr Dominic Grima li hu s-Sindku ta' Rahal Gdid, l-imsemmi mputat certu Charlie Dimech kif ukoll lil certu Paul Sciortino. Mal-wasla tal-Pulizija s-Sur Grima kif ukoll is-Sur Dimech kienu qed jargumentaw fuq xi xoghol li kien qed isir fil-Pjazza ta' Rahal Gdid fuq xi pavimentar. Il-Pulizija kienu kellmu lil Mr Grima u dan qalilhom illi s-Sur Dimech kien ipprova jhebb ghas-Sur Gatt s-Sindku ta' Rahal Gdid. Kellha tkun l-intervent tal-Pulizija biex ma jsirx dan kif ukoll inghataw *instructions* biex jieqaf minn dan l-attegjament tieghu mis-Surgent u l-imputat injora l-ordnijiet tal-Pulizija u beda jghajjat "issawtuniex, issawtuniex". Aktar minn hekk kien hemm certu Mr Sciortino prezenti li beda jintervjeni jipprova jwaqqaf lill-Pulizija, beda jghidilhom halluh, halluh. Huwa qal illi dawn il-partijiet kemm l-imputat kif ukoll is-Sur Grima kienu gew mitkellma l-

Ghassa. Is-Sur Grima s-Sindku kien qal li Charlie Dimech huwa kuntrattur li ghandu xi *tender* ma' xi xoghol li ghandu x'jaqsam ma' Rahal Gdid.

Is-Sur Grima mar biex iwaqqfu biex dan ix-xoghol ma jibqax isir ghax mhux qieghed skond il-permess tal-ADT, Charlie baqa' jinsisti li dan huwa xoghol tal-Water Services Corporation u fid-daqqa u l-hin gie aggressiv, imbuttah ghal hafna drabi kemm b'idejh u kemm f'rasu qabel ma gew il-Pulizija. Madanakollu s-Sindku Grima ma soffra ebda griehi u ma pproduca ebda certifikat mediku. Is-Sur Dimech l-imputat li qieghed jaghraf hemmhekk fl-Awla kien ikkomplejnja dakinhar li kellu xi *chest pain* u gie riferut il-Mater Dei Hospital *ward* M5. Huwa kien gie nfurmat b'dan il-kaz fejn kien iccekja l-isptar u kien gie nfurmat li s-Sur Dimech kien iffirma biex jitlaq volontarjament mill-isptar u ghalhekk huwa kellmu dakinhar tal-incident wara nofsinhar fejn kien irrilaxxa stqarrija volontarjament. Kien innega li kien issaldja, li kien ipprova jhebb ghas-Sindku ta' Rahal Gdid qabel ma gew il-Pulizija.

Ma' dan kollu kien ammetta mieghu li ghamel hafna storbju, kien kiser l-ordni pubblika pero' nsista wkoll li s-Sindku Grima ma kellu ebda dritt iwaqqfu ghax-xoghol li kien qed jaghmel mahrug mill-Water Services Corporation. Kien qallu wkoll li meta mar biex ikellmu s-sindku dan kien zammlu l-bajla tas-siment u beda jzommu milli jkompli x-xoghol, biex ikomplu jitfa' l-*concrete* fuq il-bankina.  Huwa kien kellem ukoll lis-Sur Sciortino fejn kien qal li f'ebda mument ma kien ra lis-Sur Dimech jimbotta lis-Sindku pero' kkonferma mieghu u anke kien hadlu stqarrija fejn f'ebda mument il-Pulizija ma kienu sawtu lis-Sur Dimech. Madanakollu kien rega'

kellem lis-Sur Charlie Dimech u kien baqa’ jinsisti li f’ebda mument ma kien hebb ghas-Sindku.

Ix-xhud esebixxa wkoll bhala Dok. SZ 4 stqarrija tal-imputat kif ukoll bhala Dok. SZ 5 rapport tal-Pulizija numru 3/32484/2009. Ikkonferma l-istqarrija tal-imputat datata 31 ta’ Ottubru, 2009 fejn gharaf il-firma tieghu kif ukoll tal-Kuntistabbli xhud tal-istqarrija fejn l-imputat kien ghazel li ma jiffirmax. Din ittiehditlu volontarjament wara li nghatatlu s-solita twissija u gharaf ukoll lis-Sur Dimech fl-Awla. Din hija stqarrija mmarkata bhala Dok. SZ4.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami kkonferma li fil-konfront tas-Sindku ttiehdu proceduri sommarji quddiem is-Sinjurija tieghu l-Magistrat Mizzi fis-seduta u marbuta mal-istess incident.

Illi nhar is-17 ta’ Jannar, 2011 xehed **PS1480 Sandro Mallia** fejn gie muri d-dokument immarkat bhala Dok. SZ5 ezebit a fol. erbgha u tletin (34) sa fol. sitta u tletin (36) tal-process, li hija l-okkorrenza rigwardanti l-mertu ta’ din il-kawza. Ikkonferma li kien huwa li kiteb din l-okkorrenza u ffirmaha seduta stante. Spjega illi fit-tletin (30) ta’ Ottubru, 2009 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta’ filghodu (10:30am) gewwa l-Ghassa ta’ Rahal Gdid huma gew infurmati illi s-Sindku ta’ Rahal Gdid certu Domenic Grima kien qed jigi aggredit minn xi nies.

Huma mal-ewwel hargu mill-Ghassa u marru fuq il-post bil-mixi ghax din kienet vicin tal-Ghassa. Huma sabu numru ta’ nies barra gewwa pjazza fejn f’nofs il-bankina kien hemm is-Sindku u spjega illi fuq in-naha ta’ barra fejn

kien hemm trakk kien hemm l-imputat Carmel Dimech li qed jaghrfu prezenti fl-Awla. Dawn it-tnejn u cioe' s-Sindku u l-imputat kienu qeghdin jargumentaw b'vuci gholja. Huma bhala Pulizija ppruvaw jikkalmawhom pero' t-tnejn bdew jinjorawhom. Spjega li dak il-hin l-imputat beda jghajjar lis-Sindku u beda jghid il-kliem *"mhux veru, mhux veru, mhux veru*", imbaghad irnexxielhom jikkalmaw is-sitwazzjoni. Huwa staqsa lis-Sindku ghalfejn kien talab l-ghajnuna u x'kien qed jigri, dana qal li kienet kwistjoni dwar xi kuntratt li kien hemm mal-Water Works minhabba li kienet ser issir il-bankina fil-pjazza stess ta' Rahal Gdid u s-Sindku ried li huma jwaqfu lill-imputat minn xoghlu. Hin minnhom is-Sindku allegala li Charles Dimech kien aggredih u hawn ippreciza li dan ma kienx rah u s-Sindku zied jghidilhom li Charles Dimech kien mar ghal fuq is-Sindku u kien hatfu minn wiccu. Dak il-hin Charles Dimech beda jghid lis-Sindku li hu giddieb, beda jghid ukoll li dan mhux veru u dan beda jghidu fil-prezenza taghhom. Dak il-hin l-imputat beda jersaq lejn is-Sindku u biex jipprevjeni dahal f'nofshom u ordna lill-imputat biex jmur l-Ghassa. Spjega illi fuq il-post kienu hames (5) Pulizija tad-Distrett, spjega wkoll minhabba li kien hemm trakk tar-Readymix li kien qieghed f'nofs tat-triq waqaf ukoll Pulizija tat-traffiku.

Spjega wkoll li l-imputat mill-ewwel obda l-ordni li jmur l-Ghassa. Spjega illi l-imputat lmenta minn ugiegh f'sidru gewwa l-Ghassa u mill-ewwel ittiehed ghall-assistenza medika. Meta huwa kellem lis-Sindku Dominic Grima, dan mieghu allega li Charles Dimech kien hebb ghalih, kien imbuttah u kien ukoll qabdu minn wiccu.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li x-xoghol li kellu jaghmel Charles Dimech kien taht il-Water Services Corporation u kkonferma wkoll li l-Ghassa kienet issejhet Perit tal-Water Services Corporation u kkonfermat dan.

Spjega li s-Sindku kien ukoll l-Ghassa u l-Perit u s-Sindku bdew jitkellmu dwar din il-bicca tax-xoghol li kellha ssir. Spjega illi huma bdew isaqsu lin-nies li kien hemm fil-pjazza fuq il-post fejn kien sehh l-incident li kien gie rapportat u kienu staqsewhom jekk kienux raw lill-imputat jagredixxi lis-Sindku, pero' r-risposta li bdew jiehdu min-nies kienet li huma ma kienu raw xejn. Spjega li meta huwa wasal fuq il-post sab illi s-sindku kellu saqajh fuq il-bankina fejn ir-Readymix kellu x-*shoot* li kienet niezla ghal fuq il-bankina proprju fejn kien ha jinghata l-konkos u s-sindku fil-posizjoni li kien, kien qed jimpedixxi li jinzel il-konkos ghal fuq il-bankina. Spjega li f'hin minnhom gie certu Paul Sciortino li qal illi l-konkos kien se jghaqqad gewwa l-bajla. Huwa tah ordni sabiex ikompli jahdem pero' s-Sindku u l-imputat Carmel Dimech kellhom imorru mieghu l-Ghassa.

Hu ilu stazzjonat l-Ghassa ta' Rahal Gdid ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin. Spjega illi in kwantu ghad-data ta' meta sehh l-akkadut, spjega illi x-xoghol li kien ghamel l-imputat fuq il-pjazza ta' Rahal Gdid kien diga' wiehed estensiv hafna.

Spjega illi meta kien staqsa lis-Sindku biex imur l-Ghassa, huwa ried ikun jaf ghalfejn talbu biex imur l-Ghassa u huwa wiegbu li fil-fatt kien qieghed jikser il-ligi u ghalhekk huwa riedu l-Ghassa. Spjega illi huwa kien halla

zewg (2) Pulizija mas-Sindku. Spjega illi huwa kien hareg l-akkuzi kontra s-Sindku rigwardanti l-akkadut.

Illi nhar id-29 ta' April, 2011 xehed l-**Ispettur Spiridione Zammit** fejn esebixxa vera kopja ta' Sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali moghtija mill-Prim'Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmel Dimech**' fid-disgha (9) ta' Lulju, 2007, Appell numru 182/07 liema vera kopja hija fotostatika tal-original u giet immarkata bhala Dok. PSS1.

Illi nhar id-29 ta' April, 2011 xehed **PS 285 Jeffrey Cutajar** u spjega illi fit-tletin (30) ta' Ottubru, 2009 ghall-habta tal-hdax (11:00) ta' filghodu huwa wasal l-Ghassa ta' Rahal Gdid u huwa gie mitlub biex imur jassisti lil PS 1480 fil-pjazza ta' Rahal Gdid fuq xi argumenti. Spjega li huwa mar fuq il-post pero' l-argumenti kienu diga' waqfu. Dana kien l-involviment kollu tieghu rigwardanti dan il-kaz.

Illi nhar id-29 ta' April, 2011 xehed **Dominic Grima** u spjega li huwa ghadu kif inghata t-twissija skont il-ligi mill-Qorti li huwa m'huwiex obbligat li jirrispondi ghall-ebda domanda li ser issirlu, izda jekk jaghzel li jixhed, dak kollu li jghid jitnizzel bil-miktub u jista' jingieb bhala prova kontra tieghu u spjega li huwa jaghzel li jixhed.

Spjega illi in kwantu ghad-data tat-30 ta' Ottubru, 2009 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10:30hrs) u huwa kien qieghed gewwa l-pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid u spjega illi huwa fil-funzjoni ta' Sindku ta'

Rahal Gdid kien gie nfurmat mis-Segretarju tal-Kunsill illi rigwardanti x-xoghol tal-Water Services ma kienx qieghed isir skont il-ftehim li sar. Ghaldaqstant huwa spicca biex mar gewwa l-pjazza Antoine De Paul, Rahal Gdid fejn kien qed isir dan ix-xoghol tal-Water Services. Spjega li l-kuntrattur kien l-imputat li qed jaghrfu prezenti fl-Awla, fejn ha nota tax-xoghol li kien ghaddej li fil-fehma tieghu ma kienx tajjeb u ghalhekk ikkuntattja lil tal-Water Services u ordnalhom biex ix-xoghol jieqaf. Pero’ x-xoghol bil-kuntrattur baqa’ ghaddej. Spjega li mbaghad gie aggredit.

Gie mghajjar ukoll li huwa ma hu xejn. Spjega li kien l-imputat li huwa qed jaghrfu prezenti fl-Awla li kien il-kuntrattur dakinhar tax-xoghol li kien aggredih u kien qallu wkoll dan id-diskors li huwa ma hu xejn. Minn hemmhekk l-affarijiet bdew jiggravaw ruhhom. Huwa beda jinsisti li peress li x-xoghol kien qed isir hazin kellu jieqaf. Spjega illi mbaghad l-imputat xorta baqa’ sejjer bix-xoghol. L-immputat ta l-konkos u fejn ma kienx hemm konkos, il-konkos beda jersaq lejh. Spjega illi l-imputat beda jimbuttah, beda jaghtih ukoll b’rasu. Spjega li dana laqtu kemm f’rasu u anke f’idejh. Spjega li dana beda jkellmu hazin, beda jghid ukoll li hu ma kien xejn hemmhekk. Spjega dan l-imputat mieghu kellu wkoll haddiema u dawn kien hemm minnhom li bdew jitkellmu hazin pero’ hadd mill-haddiema ma aggredih. Spjega kieku ma kienx hemm l-intervent tal-Pulizija huwa ma kienx jaf x’ser jigri. Is-sitwazzjoni kienet tali ta’ paniku. Kien hemm ir-Readymix li kien qieghed iwaqqaf it-traffiku u spjega wkoll illi huwa kien qieghed hemm bhala Sindku. Huwa wara mar jigri l-Ghassa u talab l-assistenza tal-Pulizija. Meta kien imbaghad l-Ghassa gew ir-rapprezentanti tal-Water Services. Imbaghad ix-xoghol kien twaqqaf u kien intlahaq ftehim. Spjega li huwa bhala griehi ma sofriex, spjega pero’ kien tqattalu z-zarbun. Xtaq jghid pero’ li huwa kien sofra xokk minhabba din l-

agressjoni. Spjega illi l-imputat lilu kien tah bir-ras, kien laqtu u spjega illi dana l-argument dam sejjer ghal xi ghoxrin (20) minuta u kien hemm theddid illi huwa kien sejjer jibqa' jaggredih. Spjega illi l-imputat lilu kien imbuttah, anke uza l-kanna li hemm mar-Readymix li minnha johrog is-siment biex ipprova jimbuttah biha. Spjega li l-imputat insista mieghu li ried ikompli bix-xoghol, baqa' jaggredih u huwa baqa' jinsisti mieghu li x-xoghol kellu jieqaf.

Illi nhar is-17 ta' Lulju, 2014 rega' xehed l-**Ispettur Spiridione Zammit** u gie mistoqsi jekk huwa ghamilx verifika dwar dak li qallu l-imputat fl-istatement tieghu li lejliet l-incident is-Sindku Dominic Grima kien diga' mar fuq il-lant tax-xoghol u qal lill-imputat biex jieqaf. Ma jafx effettivament jekk hux minnu li l-imputat kien qed jaghmel xi xoghol tal-Water Services u mhux tal-Kunsill Lokali, huwa ma dahalx biex jara x'tip ta' xoghol kien qed jaghmel. Mistoqsi effettivament x'aggressjoni sofra s-Sindku spjega illi s-Sindku kien qallu illi l-imputat kien tah daqqa ta' ras. Lis-Sindku kellmu dakinhar tal-incident u meta huwa tkellem mas-Sindku effettivament ga kellu f'idejh l-Pirs esebit fl-atti. Pero' jidhirlu illi s-Sindku ma kienx gablu certifikat mediku tal-feriti li allegatament sofra. Spjega li apparti daqqa ta' ras effettivament is-Sindku qallu li l-imputat kien issara mieghu billi mbuttah ukoll. Is-Sindku lilu allega mieghu li effettivament li l-imputat sahansitra anke mbuttah. Spjega li bejn dak li s-Sindku qal lill-Pulizija u dak li qal lilu kien hemm qbil, fis-sens li l-imputat beda jimbuttah u f'daqqa minnhom tah daqqa ta' ras, l-aggressjoni hemm kienet, kif effettivament is-Sindku qal lill-Pulizija wkoll.

Huwa ma qaghadx joqghod jidhol fil-kwistjoni ezattament x'agir kellu l-imputat. Milli seta' jifhem illi meta s-sindku prova jwaqqaf lill-imputat milli jaghmel ix-xoghol cioe' jitfa' l-konkos fuq il-bankina l-imputat ma riedx ghax qallu li dak kien xoghol tal-Water Services.

Illi nhar is-17 ta' Lulju, 2014 xehed l-imputat **Carmel Dimech** u spjega li s-socjeta' LK kienet inkarigata mix-xoghol li kien qed isir fil-pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid u din tappartjeni lil uliedu u l-mara u huwa jmur hdejhom meta jkunu qeghdin jahdmu u spjega li din il-kumpanija ghandha tletin (30) ruh u tiehu hsieb in-nies.

Huwa esebixxa numru ta' dokumentazzjoni li gew immarkati mill-Qorti bhala dokument Z li huma permessi mahruga mill-ADT kif ukoll mill-Water Works rigwardanti x-xoghol li kien isir gewwa din il-pjazza. Spjega li effettivament huma kienu gew inkarigati mill-Water Services sabiex jaghmlu xoghol minn hdejn fejn hemm il-villa ta' Moran proprju sal-pjazza fejn hemm il-Kazin tan-Nazzjonalisti. Kellhom jghaddu *main* tal-ilma taz-zewg piedi fit-triq u b'hekk kellhom ikissru t-triq, johorgu l-*main* l-antik u jpoggu *main* gdid.

Spjega li l-bankina li hemm f'din it-triq hija wiesa' hafna. Il-Water Works ma riedux li huma jaghmlu bankina gdida, xtaqu li jsir *patching*. Huwa fil-fatt fil-gurnata precedenti kien mar l-ufficcju tas-Sindku u kellem lis-Segretarju u hemmhekk spjegalu illi huwa kellu ordni mill-Water Services sabiex jitfa' l-konkos u jekk ma jaghmilx hekk kien se jehel il-multa u dan ghaliex jekk ma jaghmilx ix-xoghol skond il-kuntratt hemm il-penali.

Spjega li effettivament kien kellem lis-Segretarju u mhux lis-Sindku ghaliex jekk mhux sejjer zball is-Sindku dakinhar kien imsiefer. Huwa fil-fatt kien qal lis-segretarju tal-Kunsill sabiex ikellem lil tal-Water Services ghax peress li huwa kellu kuntratt maghhom huwa kellu jobdi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Naturalment huwa kien jaqbillu kif xtaq is-sindku li jaghmel il-bankina shiha minflok iraqqa' ghaliex kien jaqla' aktar flus pero’ l-kuntratt ma kienx jiddetta hekk. Spjega illi x-xoghol tal-konkos huwa delikat fis-sens illi bit-tidwir zejjed tal-bajla l-konkos jaqta'. Spjega li effettivament il-konkos jinxef ukoll u trid ittih hafna ilma. Ma tistax thallieh tlett sieghat (3) jaghti u jekk il-konkos jehel naturalment trid titfa' il-*jackhammer* gol-konkos biex terga' tifqghu u kumplikazzjonijiet kbar.

Spjega li lejliet dan l-incident waqt li huwa kien qed jahdem hadd ma gie jwaqqfu jew ikellmu fuq il-lant tax-xoghol. Mistoqsi jekk jiftakarx illi lejliet dan l-incident kien gie s-Sindku u qallu li kien se jibghat il-Pulizija ghax kellu jieqaf spjega illi jiftakar li kien qal hekk meta xehed pero’ huwa qatt ma kellu x'jaqsam mas-Sindku izda huwa kellu x'jaqsam biss mal-Periti u l-Inginiera tal-Water Works kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita minnu bhala Dok. Z.

Spjega illi dakinhar meta kien mar is-Sindku kien qallu li huwa xtaq li huwa jahdem il-bankina kollha. Qallu biex huwa jkellem lil tal-Water Services u jekk jaccettaw kien lest li jaghmilha, ghalih kien jaqbillu. Spjega li dakinhar meta kien mar is-Sindku fuq il-post fit-30 ta' Ottubru, 2009 huwa kien qed jaghti l-konkos u ma kienx wahdu effettivament kien hemm il-haddiema mieghu. Is-Sindku fil-fatt kien mar dakinhar wahdu.

Spjega li dakinhar kien irrabjat hafna u qaghad quddiem il-bajla bil-ghan li jwaqqafhom mix-xoghol, baqa' jinsisti maghhom biex huma jaghmlu l-bankina kollha. Spjega li fil-fatt imbaghad is-Sindku Dominic Grima qabad id-delu tar-Readymix biex huma ma jahdmux u beda jbandlu l'hemm u l'hawn u meta beda jmiss u jbandal id-delu naturalment il-konkos beda johrog u jinfirex fuq il-bankina u mat-triq u l-konkos beda jtir fl-akwati u spjega illi d-delu fil-fatt beda jitfa' l-konkos fit-tarf fejn hemm il-bankina ghal fuq it-triq u huwa dak il-hin beda jzomm id-delu biex il-konkos jinzel fejn kellu jinzel u cioe' fejn kien hemm l-imqatta'. Huwa jichad li ta daqqa ta' ras lis-Sindku. Jikkonferma li ghal darba darbtejn lil Dominic Grima beda jghidlu li ma setghax jiehu l-ordnijiet minghandu ghax il-kuntratt mhux hu tahulu. Fl-ebda hin ma tah daqqa ta' ras.

Dak il-hin ukoll marru l-Pulizija u hadu maghhom kemm lilu u kif ukoll lis-Sindku l-Ghassa. Huwa minnu li quddiem il-Pulizija huwa lis-Sindku beda jghidlu li huwa giddieb u dan ghaliex mhux veru li huwa missu u fil-fatt ma kellu l-ebda daqqiet u sahansitra lanqas certifikat qatt ma gab. Mistoqsi kif effettivament is-Sindku qal li ccarratlu z-zarbun f'dan l-incident spjega li ma kienx jaf, fil-fatt jghid li zgur ma carratlu l-ebda zarbun. Fl-ebda hin ma grew wara xulxin. Spjega li fil-fatt illum-il gurnata sahansitra s-Sindku wkoll ghandu jaghtih xi flus talli ghamillu xi xoghol ta' *patching* u dan fis-somma ta’ tnax-il mija (12,000) u ghadu ma hallsux.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li l-incident in kwistjoni sehh ghall-habta tal-10:30 am, il-11:00 ta’ fil-ghodu. Huwa minnu li s-Sindku beda jghajjat u huwa beda jispjegalu li ma setghax jiehu l-ordnijiet

minghandu, ghalkemm huwa minnu li lehnu jghajjat. M'huwiex minnu dak li allega s-Sindku u cioe' li huwa beda jimbottah bid-delu, huwa beda jnzomm id-delu biex is-siment ma jtirx postijiet iehor. Lanqas mhu veru li rasu f'xi hin giet ma' ras is-Sindku. Spjega illi bejnu u bejn is-Sindku kien hemm delu u d-delu wiesgha xi pied u nofs, daqs *standard*.

Huwa minnu li huwa ma xtaqx jieqaf meta huwa kien qed jaghmel xoghol bil-konkos. Spjega li dan iz-zmien kien bix-xemx, il-pjanca ssir tahraq u l-konkos jehel. Ma tistghax tieqaf bil-konkos fil-bajla. Qallu li kien lest li huwa jizvojta l-bajla, ilesti u jmur. Lanqas mhu veru li huwa xejjer xi zewg daqqiet bl-idejn.

Illi nhar is-17 ta' Lulju, 2014 xehed **Leli Refalo** u spjega li dakinhar tal-incident huwa kien qed jahdem ma' Carmel Dimech u fil-fatt kien bir-Ready Mix. Spjega illi dakinhar kien gie tal-Kunsill u beda jghidlu biex ma jhottx ix-xoghol u huwa kien jghidlu li hu mhux l-imghallem tieghu u huwa kien idur fuq l-imputat ghaliex huwa l-imghallem tieghu u kien jiehu direzzjoni fejn ghandu jhott u huwa kien jindikalu fejn kellu jhott.

Spjega li meta huma kienu ha jnizzel id-delu gie tal-Kunsill u beda jixxejkja d-delu l'hemm u l'hawn u beda jaghmel it-tijatrin u jaqbad jghajjat, jgholli jdejh u ma jhallihomx jahdmu. Xtaq jghid li x-xoghol in kwistjoni ma kienx tal-Kunsill izda kien xoghol tal-Water Works. F'daqqa u l-hin jaf li kien hemm il-Pulizija. Huwa fl-ebda hin ma ra lill-imputat jaghti daqqa ta' ras lil tal-Kunsill anzi spjega illi kien tal-Kunsill li refa' jdejh l-ewwel fuq Charlie Dimech u dan ghaliex Charlie Dimech beda jimbotta d-delu fuq il-lant tax-

xoghol u meta tal-Kunsill kien jara d-delu fuq il-lant tax-xoghol kien jigbdu l-barra.

Jaf illi f'xi hin tal-Kunsill imbotta lil Charlie, u dan gie fuqu u Charlie laqghu b'idejh u sussegwentement spiccaw hafna Pulizija. Huwa ghandu 73 sena. Huwa kien ma' genb ir-Ready Mix meta kien hemm dan kollu li qed jispjega u dan ghaliex huwa kien qed ibattal il-konkos u meta jkun hemm bzonn iwaqqaf milli jibqa' johrog il-konkos. Jaf illi Charlie l-imputat fl-ebda hin ma mbotta lil tal-Kunsill. Jaf li beda jzomm id-delu.

Illi nhar is-17 ta’ Lulju, 2014 xehed **Pawlu Sciortino** u spjega li huwa jahdem mal-imputat odjern. Spjega illi dakinhar fejn gie allegat l-incident in kwistjoni huwa kien Rahal Gdid qed jahdem fuq il-Pjazza Antoine De Paule u spjega li fil-fatt dakinhar kienu qeghdin jaghmlu xoghol tal-Water Services billi kienu qeghdin jaghtu l-konkos u dana fil-bankina u dan wara li kien sar xi xoghol ghall-Water Services billi ghaddew xi mainijiet u peress li nkissret il-bankina kienu qeghdin jirrangawha.

Spjega illi f'xi hin ra s-Sindku ta' Rahal Gdid gie u beda jsabbat mad-delu tar-Ready Mix u dan sabiex iwaqfuha u ftit wara jaf li marru ghall-Pulizija biex iwaqfuhom mix-xoghol u x-xoghol li kienu qeghdin jaghmlu ghall-Water Services. Peress li dana kien xoghol tal-Water Services tal-Kunsill ma kellhomx ghalfejn jidhlu fuqu. Huwa fl-ebda hin ma ra lill-imputat jaghti bir-ras lis-Sindku ta' Rahal Gdid. Lanqas ma jidhirlu li rah jimbuttah l'hawn jew l'hemm. Spjega li fil-fatt id-delu jinfetah biex tkun tista' taghti l-konkos u jaf illi s-Sindku beda jghollieh biex ma jaghtux konkos u dahal ukoll fil-

bieba tat-trakk biex jitfi l-konkos, jitfi t-trakk u una volta titfieh u l-bajla tkun qed iddur, il-konkos jissollidifa'.

Huwa kien vicin hafna tar-Ready Mix. Kien inqas boghod mill-wiesa' ta' l-Awla. Xi tmien (8) piedi l-boghod. Kien qed iwitti l-konkos fil-bankina. Jghid illi ftit wara ra lill-Pulizija fuq il-post u nizlu lil Charlie Dimech l-Ghassa u sahansitra anke nizlu lilu l-Ghassa u jghid li s-Sindku beda jghajjat biex huma  jieqfu mix-xoghol. Jghid li fil-fatt is-Sindku ma' setghax iwaqqafhom minn dan ix-xoghol. Jaf li Charlie beda jghidlu biex ma jindahalx ghax ix-xoghol ma kienx tieghu. Jichad li f’xi hin l-imputat refa’ jdejh fuq is-Sindku.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha finali fuq il-provi akkwiziti.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti hija rinfaccata b’zewg verzjonijiet tal-fatti rigward ir-relazzjoni li kien hemm bejn l-imputat kif korroborat mill-haddiema tieghu u dik moghtija mis-Sindku.

Illi ghalhekk ma hemmx dubju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta’ fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk ix-xhieda hiex imsahha

minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess seta' kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera stante li tali konflitt, ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' April, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Ducker** li:

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - Vol III Kap IV- pg. 234- Ediz 1890 -

"*Il cosi detto onero della prova cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit.*"

*Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997, fejn il-Qorti tenniet li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.*

In fatti **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of Pensions** [1974] 2 All ER 372, jaghti bhala spjegazzjoni ghall-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"* is-segwenti:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to detect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice."*

Il-Qorti hawnhekk taghti spjegazzjoni tat-tifsira wzata komunement u cioe' li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzata jrid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija w ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ressqet ukoll provi ndizzjari u cirkostanzjali sabiex jikkolloboraw ix-xhieda moghtija mill-imputat. Kif dejjem gie ritenut (vide **Il-Pulizija v Jason Lee Borg** deciza nhar il-hmistax ta' Gunju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali) provi ndizzjarji ghandhom ikunu univoci cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghal konkluzjoni li kien l-akkuzat, u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra issa tapplika l-fatti tal-kaz ghar-reati moghtija mill-prosekuzzjoni lill-imputat.

Illi l-fatti in breve kienu s-segwenti:-

1. Illi s-socjeta' LK kienet inghatat tender minghand il-Water Services Corporation sabiex taghmel xi *patching* fil-bankini li hemm fil-Pjazza de Paule ta' Rahal Gdid.
2. Illi din is-socjeta' tappartjeni lill-familjari tal-imputat li kien fuq il-post jissorvelja x-xoghol.
3. Ili s-sindku Domnic Grima ma kienx kuntent b'dan il-kuntratt ghaliex huwa xtaq li x-xoghol fuq il-bankini ma jkunx *patching* izda li l-bankini jinqalghu kollha.
4. Illi s-sur Grima mar fuq il-post u ttenta jwaqqaf lis-socjeta' LK milli tkompli bix-xoghol taghha u fil-fatt kif stqarrew diversi xhieda li kien hemm ittenta jippunta d-delu band'ohra sabiex il-konkos li kellu jmur fuq il-bankini jmur xi mkien iehor.
5. L-imputat jispjega fix-xhieda tieghu li una volta twaqqaf il-bajla l-konkos jibda jissolidifika u ghalhekk ikun difficli hafna li l-konkos johrog mill-bajla tant li jkun hemm bzonn ta' *jack hammer* biex jinkiser una volta jaghqad.
6. Illi l-imputat jghid li r-relazzjoni kuntrattwali tieghu ma kinitx mal-kunsill lokali izda mal-Water Services Corportion u dan u ppruvat mid-dokumentazzjoni ezebita.
7. Illi s-Sur Galea deher determinat sabiex iwettaq ix-xoghol u beda jaghti l-ordnijiet tieghu.
8. Jinghad li huwa minnu li l-ordnijiet ma gewx segwiti u dan peress li l-imputat u l-haddiema tieghu kienu qed jimxu mal-kuntratt li kellhom.

Illi mill-provi prodotti jidher li s-Sindku ma kienx gustifikat sabiex iwaqqaf lill-imputat minn dak li kien qed jesegwixxi stante li kien qed jahdem fit-termini tal-kuntratt li kellu. Is-sindku messu kkontesta l-kuntratt tal-Water Services u mhux johodha mal-imputat. Mix-xhieda prodotta u cioe' kemm minn dak li qal l-imputat kif ukoll min nies li kienu prezenti waqt dan l-incident u cioe' Leli Refalo u Pawlu Sciortino, l-imputat fl-ebda hin ma hebb

ghas-Sindku u mhux minnu lanqas dak li allega s-Sindku li l-imputat ikkawzalu xi feriti. Fil-fatt il-pulizija li kienu fuq il-post jinvestigaw il-kaz ma jghidux li raw xi feriti anzi jghidu li talbu lis-sindku jipprovdilhom certifikat mediku pero' baqa' sa l-ahhar ma jaghmel dan.

Illi jidher li l-imputat kien inghata ordni sabiex imur l-ghassa u obdiha minnufih kif del resto kkonferma PS 1480 Sandro Mallia. PS 1480 jghid ukoll li huwa investiga dak li kien gie rapportat lilu mis-Sindku u mar fuq il-post tal-allegat incident u meta staqsa lin-nies li kien hemm fuq il-post jekk kienux raw lill-imputat jagredixxi lis-Sindku, jghid li r-risposta li beda jiehu min nies kienet li huma ma kienu raw xejn. Ghalhekk dan ukoll jikkonferma x-xhieda tal-imputat u tax-xhieda prodotta minnu in difesa tieghu.

Konsegwentement din il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-**Artikoli 28F, 49, 50, 95, 96, 338 (dd), (ee) u 339 (1) (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat CARMEL DIMECH hati tal-akkuzi kollha u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------